**14 ta' Diċembru, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

Sylvia mart Filippo Spiteri

*versus*

L-istess Filippo Spiteri

**Mara miżżewġa — Alimenti — Telf ta' — Abbandun — Ġusta kawża.**

*Il-mara li mingħajr ġusta kawża tabbanduna id-dar konjugali titlef id-dritt tagħha għall-aliment. F'dina l-kawża ġie ritenut li l-fatti esposti ma kienux jikkonstitwixxu ġusta kawża.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi — premessa kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħtija kull provvediment opportun peress li l-konvenut għal ebda raġuni valida fil-liġi mhux qiegħed jgħaddi u jissomministra l-mantenument lill-attriċi martu, li ma għandhiex mezzi biex tgħix, talbet illi l-konvenut jiġi kundannat li jħallas lill-attriċi dik irretta alimentarja li tistabilixxi dina l-Qorti fl-ammont mod u jum hekk stabiliti, bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi u n-nota tax-xhieda tagħha;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha jeċċepixxi illi l-attriċi telqet mid-dar konjugali u trid toqgħod bogħod minnu mingħajr ġusta kawża, u għalhekk hu mhux obbligat imantnieha qabel ma tirritorna ġo daru;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota tal-konvenut a fol: 7 tal-proċess u d-dokumenti esibiti;

Rat l-atti tal-kawża fl-ismijiet Sylvia Spiteri vs. Filippo Spiteri ċeduta quddiem dina l-Qorti fil-wieħed u tletin (31) ta' Awissu, 1963, li għaliha saret riferenza;

Eżaminat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħat l-Avukati tal-kontendenti;

Ikkunsidrat:

Li jirriżulta li l-attriċi ħarġet mid-dar konjugali, jew aħjar mill-post fejn kienet toqgħod ma żewġha, fil-ħamsa (5) ta' Novembru, 1963 fis-satejn ta' filgħodu, għaliex żewġha heddidha li ried joqtol lilha u lil bintha. Dak il-ħin qam u mar iġib il-mus tal-leħja u beda jsinnu fuq biċċa ġilda, u anke waqt li kien qiegħed jagħmel hekk qalilha li jrid joqtolha;

Li l-konvenut ċaħad kategorikament dawna l-fatti, u ddikjara li huwa pront biex jirċeviha d-dar.

Irriżulta li l-konvenut irrikjama f'daru lil martu b'ittra uffiċjali tal-erbatax (14) ta' Novembru, 1963, qabel ma ġiet introdotta l-odjerna ċitazzjoni, u li l-attriċi ma wieġbitx;

Ikkunsidrat:

Li in vista tal-imsemmi rikjam, il-Qorti għandha tidħol fl-indaġini tal-ġusta kawża, li qalet lill-attriċi tabbanduna d-dar konjugali, biex fil-każ li dina tirriżulta pruvata, il-Qorti tkun tista' tassenjala l-alimenti mitluba (ara Kollez. XXXVII, 130, 698, 795; u XXXVIII, 488);

Ikkunsidrat:

Li l-uniku movent li ġiegħal lill-attriċi tirrifjuta li tirriprendi l-konvivenza konjugali, kienet l-allegata minaċċja talmus fiċ-ċirkostanzi ġa enunċjati;

Ikkunsidrat:

Li skond il-liġi (art. 6. Kod. Ċiv.) l-obbligu tar-raġel għall-manteniment ta' martu jispiċċa, jekk dina wara li tkun telqet ma tkunx trid, bla ma jkollha għaliex, tmur lura fid-dar tiegħu.

Li kieku ma saritx l-imsemmija ittra uffiċjali l-konvenut kien ikun obbligat imantni lil martu anki fin-nuqqas ta' ġusta kawża għal dana l-abbandun (Kollez. XXIX, ii, 539); u dana għaliex l-obbligu tal-alimenti jitwieled maż-żwieġ u mhux konċepibbli li l-mara tiddekadi minnu nkonstanza taż-żwieġ, u meta bl-istess imġieba tiegħu r-raġel ikun wera non-kuranza ta' dmirijiet li jżomm lil martu f'daru;

Ikkunsidrat:

Li, però, il-ġusta kawża tal-abbandun, għandha tkun ta' ċerta gravità, iżda jekk mhux dejjem hemm bżonn li jkollha l-karattru tal-kontinwità, huwa ndispensabbli, li l-att singolo li jinduċi lil mara tasal għal dana r-rimedju estrem, irid ikun

tali li jiġġustifika l-mara li tinħall, "proprio mater" *mill-obbligu tal-koabitazzjoni*, u li jirrendi mhux aktar tollerabbli l-ħajja in komuni ma żewġha;

Ikkunsidrat:

Li dina l-Qorti ma tirravvisax fl-allegata minaċċja tal-mus, ċirkostanza biżżejjed serja u attendibbli biex tiġġustifika lill-attriċi toħroġ mid-dar konjugali u titlob l-alimenti, u dana għal raġunijiet segwenti;

a) li jirriżulta, mhux kontestat mill-attriċi, li l-kwistjonijiet ta' bejn il-kontendenti kienu bażati fuq l-insistenza tal-attriċi li tmur toqgħod fid-dar ta' Birżebbuġa, u li l-konvenut kien irid jibqa' l-Ħamrun fejn għandu n-negozju ta' *mastrudaxxa;*

b) li meta ġara l-allegat inċident tal-mus, il-konvenut ċaħad li huwa hedded lil martu bih, anzi dina ddikjarat li waqt id-diverbju li kellhom żewġha baqa' jsinn il-mus fuq *il-ġilda u qaxxar il-leħja; minn dana jidher li l-konvenut ma tantx* kien eċċitat jew almenu, jekk qatt saret dina l-minaċċja, ma kienetx tant serja, li timpedilu li jkompli jqaxxar il-leħja mingħajr xkil.

*ċ) li huwa sintomatiku li l-attriċi kienet ġa lestiet ħwej*jiegħa biex titlaq, qabel dana l-inċident; u li ħarġet 'il barra, mhux imġagħla *minn żewġha*, iżda minn rajha, meta żewġha daħal fil-bitħa.

*d) li l-konvenut huwa raġel avanzat* fl-età, u *l-versjoni* tiegħu li kien ħassu ħażin qabel l-inċident, hija anki korroborata miċ-ċirkostanza deposta mill-attriċi li semgħat lil żewġha jokrob.

e) li l-motiv miġjub mill-attriċi, waqt it-trattazzjoni tal-kawża, li żewġha kien qiegħed jimpedilha li tmur toqgħod fid-dar ta' Birżebbuġa, ma jidhirx li jista' jkollu xi fundament legali, għaliex sakemm ir-raġel ma jallokax lil martu dar inkommoda u inabitabbli, huwa għandu d-dritt jistabbilixxi insidakabbilment id-dar tal-abitazzjoni konjugali.

Ikkunsidrat:

*Li għalkemm l-attriċi xi tmien snin ilu kienet otteniet il-*kundanna tal-konvenut għal ħlas tal-manteniment, bil-fatt tar-rikonċiljazzjoni li sussegwentement saret bejn il-kontendenti reġa' ġġedded bejniethom l-obbligu tal-koabitazzjoni u tal-manteniment (art. 77(1) Cod. Civ.), iżda l-attriċi, kif ġa ntqal mhix intitolata titlob dana l-manteniment fil-każ li toħroġ mid-dar konjugali mingħajr ġusta kawża.

Għal dawna r-raġunijiet:

Tiddeċiedi billi tiċħad it-talba tal-attriċi, bl-ispejjeż kontra tagħha.